# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-22 ta' Settembru 2011

## li taħtar tliet membri Ġermaniżi u erba' membri supplenti Ġermaniżi fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2011/643/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Ġermaniż,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Diċembru 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet 2009/1014/UE [1] u 2010/29/UE [2] li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2010 sal-25 ta' Jannar 2015.

(2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Karl-Heinz KLÄR, is-Sinjura Kerstin KIESSLER u s-Sur Rolf HARLINGHAUSEN, saru vakanti s-siġġijiet ta' tliet membri fil-Kumitat tar-Reġjuni. Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sinjura Nicole MORSBLECH, is-Sur Peter STRAUB, is-Sur Michael GWOSDZ u s-Sinjura Jacqueline KRAEGE, saru vakanti s-siġġijiet ta' erba' membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2015:

(a) bħala membri:

— Dr Eva QUANTE-BRANDT, *Staatsrätin, Mitglied des Senats der Freien Hansestadt Bremen*

— Is-Sinjura Margit CONRAD, *Bevollmächtigte des Landes Rheinland-Pfalz beim Bund und für Europa*

— Is-Sinjura Barbara DUDEN, *Mitglied des Europaausschusses der Hamburgischen Bürgerschaft*

u

(b) bħala membri supplenti:

— Is-Sinjura Ulrike HÖFKEN, *Ministerin für Umwelt, Landwirtschaft, Ernährung, Weinbau und Forsten*

— Is-Sur Nils WIECHMANN, *Mitglied des Landtages*

— Is-Sur Heino VAHLDIECK, *Mitglied des Europaausschusses der Hamburgischen Bürgerschaft*

— Is-Sur Peter FRIEDRICH, *Minister für Bundesrat, Europa und internationale Angelegenheiten.*

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. MILLER

---

[1] ĠU L 348, 29.12.2009, p. 22.

[2] ĠU L 12, 19.1.2010, p. 11.